MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-30 ta' April, 2015

Talba Numru. 143/2015

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited**
**C8692**

**vs**

**Refalo Kevin**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu iigi ordnat ihallas lill-istess Socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija, wiehed u sebghin ewro, hamsa u erbghin centezmu (€771.45c), rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata mis-Socjeta' rikorrenti lill-intimat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali 618/13 (kopja hawn annessa bhala Dok.'AMS 001'), kif ukoll bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija, wiehed u sebghin ewro, hamsa u erbghin centezmu (€771.45c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------